**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 179/11VG**

**Clinton Zammit**

**Vs**

**Longitude (Malta) Limited**
**(C-45057)**

**Illum 15 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Clinton Zammit fit-8 ta' Ġunju 2011 permezz ta' liema jitlob li s-soċjetà Di Natura Limited, illum bl-isem Longitude (Malta) Limited, tiġi ikkundannata tħallsu s-somma ta' sebat elef u sebgħa u disgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€7,097.23) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet mwettqa u materjali suppliti fil-lukanda Seabank Hotel, Mellieħa, fuq ordni tas-soċjetà konvenuta, u dan skond prospett anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A", liema bilanċ għadu ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, bl-imgħax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta;

Rat id-dokument anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A" a fol. 2 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta permezz ta' liema teċċepixxi: (i) in linea preliminari u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma hijiex il-leġittimu kontradittur in kwantu ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-imsemmija soċjetà u l-attur; (ii) bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur;

Semgħet ix-xhieda ta' Godfrey Formosa mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' April 2012[1] u tas-7 ta' Ottubru 2013[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GZ1" sa' Dok. "GZ8" a fol. 15 sa' 30 tal-proċess, rat l-affidavit ta' Johan Aloisio esebit mis-soċjetà konvenuta permezz ta' Nota ppreżentata fl-24 ta' Mejju 2012 a fol. 37 u 38 tal-proċess u rat l-affidavit ta' Alvin Buttigieg esebit mis-soċjetà konvenuta permezz ta' Nota ppreżentata fil-15 ta' Ottubru 2012 a fol. 40 u 41 tal-proċess, rat id-dokumenti markati Dok. "GF1" sa' Dok. "GF19" esebiti mis-soċjetà konvenuta permezz ta' Nota ppreżentata fis-17 ta' Jannar 2013 a fol. 44

[1] Fol. 31 sa' 35 tal-proċess.
[2] Fol. 126 sa' 129 tal-proċess.

sa' 67 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2013[3] u tal-21 ta' Jannar 2014[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CZ1" a fol. 43 tal-proċess u rat id-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "F" esebiti mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fis-7 ta' Ottubru 2013 a fol. 77 sa' 125 tal-proċess,

Rat is-sentenza preliminari pronunċjata fl-20 ta' Marzu 2018[5] permezz ta' liema ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CZ1" sa' Dok. "CZ12" a fol. 165 sa' 176 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' April 2019[7] l-istadju tal-provi tas-soċjetà konvenuta ġie dikjarat magħluq;

Rat li b'Digriet datat 24 ta' Ġunju 2020[8], il-Qorti ordnat li isem is-soċjetà konvenuta jiġi jaqra Longitude (Malta) Limited minflok Di Natura Limited;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur ta' l-attur u rat li fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021[9] l-istadju tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ġie dikjarat magħluq;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' **€7,097.23**, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet mwettqa u materjali suppliti fil-lukanda Seabank Hotel, Mellieħa, fuq ordni tas-soċjetà konvenuta, liema bilanċ għadu ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas. Is-soċjetà konvenuta tilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) in linea preliminari u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma hijiex il-leġittimu kontradittur in kwantu ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-imsemmija soċjetà u l-attur; (ii) bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur.

L-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta ġiet miċħuda b'sentenza preliminari pronunċjata fl-20 ta' Marzu 2018[10] u għaldaqstant issa jeħtieġ li l-azzjoni attriċi tiġi trattata fil-mertu fid-dawl ta' l-eċċezzjoni relattiva sollevata mis-soċjetà konvenuta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta nkarigat lill-attur sabiex jagħmel xogħol ta' pipework, bil-provvista tal-materjal ukoll, relattiv għall-installazzjoni ta' solar water heaters fis-Seabank Hotel, il-Mellieħa. Għal dan ix-xogħol, bil-provvista tal-materjal, l-attur ħareġ stima datata 13 ta' Frar 2010[11] għall-valur komplessiv ta' €18,591.58, konsistenti fis-somma ta' €15,755.58 għall-provvista ta' materjal u xogħol u fis-somma ta' €2,836.00

[3] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.
[4] Fol. 134 sa' 139 tal-proċess.
[5] Fol. 153 sa' 158 tal-proċess.
[6] Fol. 177 sa' 180 tal-proċess.
[7] Fol. 190 tal-proċess.
[8] Fol. 182 tal-proċess.
[9] Fol. 210 tal-proċess.
[10] Fol. 153 sa' 158 tal-proċess.
[11] Dok. "GF7" a fol. 50(a) tal-proċess.

rappreżentanti VAT. Tul il-kors tax-xogħlijiet, senjatament fit-28 ta' Marzu 2010[12], l-attur ħareġ kont għall-materjal provdut u xogħol esegwit sa' dakinhar għall-valur komplessiv ta' €14,937.08, konsistenti fis-somma ta' €12,658.54 għall-provvista ta' materjal u xogħol esegwit sa' dakinhar u fis-somma ta' €2,278.54 rappreżentanti VAT. Dan l-ammont ta' €14,937.08 tħallas mis-soċjetà konvenuta kif jirriżulta mir-riċevuta markata Dok. "GF6" a fol. 50 tal-proċess. Mal-kompletazzjoni tax-xogħol, l-attur ħareġ kont finali datat 3 ta' Lulju 2010[13] minn liema jirriżulta li l-valur għax-xogħol imwettaq u materjal provdut ġie jammonta għal €18,673.15, li flimkien mas-somma ta' €3,361.17 rappreżentanti VAT, komplessivament ġie jammonta għal €22,034.31. Siccome s-soċjetà konvenuta ġia kienet ħallset is-somma ta' €14,937.08, fadal bilanċ ta' €7,097.23, li huwa appuntu l-ammont formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri.

Jirriżulta wkoll li apparti l-proġett tas-Seabank Hotel, l-attur ġie nkarigat jesegwixxi xogħol ieħor fil-Bella Vista Hotel, liema xogħol però huwa mħallas u ma jifformax parti mill-mertu tal-proċeduri odjerni.

Fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri ġew esebiti s-segwenti ċekkijiet rappreżentanti pagamenti effettwati lill-attur:

- Ċekk Nru. 424 datat 7 ta' Ġunju 2010 għall-valur ta' €2,937.08[14];
- Ċekk Nru. 607 datat 10 ta' Awwissu 2010 għall-valur ta' €2,500[15];
- Ċekk Nru. 623 datat 31 ta' Awwissu 2010 għall-valur ta' €2,500[16];
- Ċekk Nru. 663 datat 10 ta' Ottubru 2010 għall-valur ta' €2,500[17];
- Ċekk Nru. 698 datat 15 ta' Novembru 2010 għall-valur ta' €2,035.15, li fuq wara tiegħu għandu miktub *full and final settlement*[18].

L-attur spjega kif ġew effettwati l-ħlasijiet u għal liema miż-żewġ proġetti marru u fir-rigward iddikkjara: *Di Natura Limited avviċinatni biex nagħmlilha xi tip ta' xogħol ta' pipework biex tikkolega solar water heaters flimkien. Di Natura kienet tissupplixxi s-solar water heaters u jiena għamiltilha x-xogħlijiet. … Aħna l-ewwel ma avviċinatni fuq il-klijent tas-Seabank u tajtu quotation tas-Seabank u aċċetta u bdejna x-xogħol tas-Seabank, imbagħad ħarġet il-hotel tal-Bella Vista u l-hotel tal-Bella Vista kellha sistema iżgħar minn tas-Seabank u x-xogħol kien daqsxejn iktar mgħaġġel u kif għoġbu x-xogħol tas-Seabank avviċinani biex nagħmillu l-Bella Vista u bdejna x-xogħol malajr u x-xogħol tal-Bella Vista peress li kien iżgħar tlesta qabel u l-istess ħarġet il-quotation fuq l-istess rati u bdew il-pagamenti u bdew ix-xogħlijiet. Biex nagħmilha ċara, il-pagamenti tal-Bella Vista huma kollha settled.* Fir-rigward taċ-ċekkijiet iddikjara li *hemm Dok. FG* [recte: GF] *10 li huwa cheque li jammonta għal 2,500. … Għalissa se nitkellmu biss fuq tal-Bella Vista. Imbagħad kien hemm Dok. GF12. … Dan huwa datat 31 ta' Awwissu tas-sena 2010 u jammonta għal 2,500 ukoll. Imbagħad kien hemm ieħor Dok. GF14 li jammonta għal 2,500 ukoll. … Sa' hemmhekk kien tani 7,500. Imbagħad jiena ħriġtlu l-invoice ta' 9,535.15 u kellu bilanċ ta' 2,035.15. … Dak ġie mħallas fil-15 ta' Novembru u d-dokument huwa Dok. GF16 u għandu miktub full and final settlement … b'hekk ħarġet ukoll il-fiscal receipt 9,535.15 li qiegħdha inkluża f'Dok. GF4 u b'hekk dak il-proġett ingħalaq. Imbagħad komplejna fuq is-Seabank. … Ix-xogħol fuq is-Seabank tkompla u l-pagamenti min-naħa ta' Di Natura Ltd. bdejt nirċievi. Waqt ix-xogħol jiena ħriġt invoice fit-28 ta' Marzu tas-sena 2010, Dok. GF5, li tammonta 14,937.08. … Issa hu* [Godfrey Formosa għas-soċjetà konvenuta] *issottometta*

---

[12] Dok. "GF5" a fol. 49 tal-proċess.
[13] Dok. "A" a fol. 2 tal-proċess.
[14] Dok. "GF8" a fol. 51 tal-proċess.
[15] Dok. "GF10" a fol. 53 tal-proċess.
[16] Dok. "GF12" a fol. 55 tal-proċess.
[17] Dok. "GF14" a fol. 57 tal-proċess.
[18] Dok. "GF16" a fol. 59 tal-proċess.

*kopja ta' cheque wieħed ta' GF8 li kien jammonta għal 2,937.08 li hija dik qabilha kien hemm 12,000 oħra pagamenti li hu ħallasni jiġifieri l-GF8 tagħlaq l-14,937 ta' parti mix-xogħol. ... jiena ħriġtlu payment on account. Dik l-invoice hija mħallsa mbagħad x-xogħol tkompla u l-final invoice ħarġet fit-3 ta' Lulju, Dok. GF3, li fuqha tela' bilanċ ta' 7,097.23,* liema bilanċ għadu ma tħallasx.

Dak affermat mill-attur ma ġie bl-ebda mod kontradett jew imxejjen mis-soċjetà konvenuta stante li ma ressqet l-ebda prova dwar il-mertu. Għalkemm għat-talba attriċi s-soċjetà konvenuta eċċepiet illi l-istess hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, hija ma resqet l-ebda prova in sostenn ta' tali eċċezzjoni. Wara li l-attur iddikjara li ma kellux iktar provi dwar il-mertu[19], il-kawża tħalliet għat-18 ta' Frar 2019 għall-provi tas-soċjetà konvenuta. Fit-18 ta' Frar 2019 is-soċjetà konvenuta ma dehritx u ma ressqitx provi. Il-kawża tħalliet għad-9 ta' April 2019 għall-provi tas-soċjetà konvenuta bl-intendiment ċar li jekk ma jitressqux provi, l-istadju tal-provi tagħha jiġi dikjarat magħluq[20]. Ġiet ordnata komunika tal-verbal lid-Difensur tas-soċjetà konvenuta, liema komunika seħħet fl-20 ta' Frar 2019 hekk jirriżulta mill-visto fuq l-istess verbal a fol. 181 tal-proċess. Fid-9 ta' April 2019 is-soċjetà konvenuta reġgħet ma dehritx u b'hekk ma tressqux provi. F'dak l-istadju u skond il-verbal tad-19 ta' Frar 2019, l-istadju tal-provi tas-soċjetà konvenuta ġie dikjarat magħluq[21].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfaċenti l-pretensjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta u għaldaqstant it-talba tiegħu jistħoqq li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mis-soċjetà konvenuta u minflok tilqa' t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €7,097.23, bl-imgħax legali dekoribbli mit-22 ta' Ġunju 2011, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-soċjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' din l-istanza partikolari għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà konvenuta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[19] Vide verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018, fol. 164 tal-proċess.
[20] Fol. 181 tal-proċess.
[21] Fol. 190 tal-proċess.